MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 933/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA;**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**VS**

**TATIANA ELKINA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tatiana Elkina, missewwga lil Grazio Delia, bin Aleksandr Elkin u Olga, imwielda Murashova, l-Ukraina, nhar it-12 ta’ Marzu, 1976, u residenti fil-fond Daffodil Flats, numru 8, Triq Gdida fi Triq il-Kappara, Marsascala, detentrici tal-passaport bin-numru 3317742.

Akkuzat talli fl-10 ta’ Gunju, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha, ukoll

jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'qerq jew ingann jew uzu hazin ta' l-awtorita', influwenza, jew pressjoni, ittraffikat persuni ta' l-eta' bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, billi tat jew irceviet hlasijiet jew beneficcji sabiex tottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq pesuna ohra;

2. U aktar talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni f'Malta, jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u cioe' delitt ta' traffikar ta' persuni ta' l-eta' bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni;

3. U aktar talli b'xi mod li kien, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt u cioe' lil Raymond Mifsud, fl-atti li bihom id-delitt ta' traffikar ta' persuni ta' l-eta' bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni,gew ippreparati jew ikkunsmati;

4. U aktar talli xjentement ghexet ghal kollow jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranin;

5. U kif ukoll talli zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 248 B, 48 A, 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 7 u 8 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, waqt l-esami, liema ammissjoini giet

ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-Ligi;

Rat li l-imputata iddikkjarat ruhha bhala xhud tal-Prosekuzzjoni f'kawzi ohra marbuta ma' dan il-kaz, u li kkoperat bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjoni taghhom;

Rat l-assorbiment tal-piena u l-konkors tar-reati *ai termini* tal-Artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenzi taghha precedenti fuq l-istess mertu, b'mod partikolari Il-Pulizija vs Duncan Hall et, datata 22 ta' Lulju, 2004;

Semghet il-partijiet jittrattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata Tatiana Elkina sive Delia hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannaha ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------